# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 22**

**Rikors numru 993/08 SM**

**Mario Gerada**

**v.**

**a) L-Onorevoli Prim Ministru**
**b) Il-Ministru ghall-Politika Socjali**
**c) It-Tabib Principali tal-Gvern**
**d) Id-Direttur Generali (Health Care Services)**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, li nghatat fit-28 ta' April, 2017. Permezz taghha din il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-

Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Novembru, 2012, sa fejn iddikjarat li d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti Gerada, hija *ultra vires* u ttiehdet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali, filwaqt li laqghet l-appell limitatament billi ordnat li l-ammont globali li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrent in linea ta' danni, jigi ridott ghas-somma ta' €37,000, li kellu jithallas bejn l-intimati in solidum bejniethom. Ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri, sejra tigi riprodotta s-sentenza kkontestata.

"<u>Preliminari</u>

"1. Dan hu appell maghmul mill-intimati Tabib Principali tal-Gvern u Direttur Generali [Health Care Services] minn sentenza [is-sentenza appellata ]moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li lliberat l-intimati l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju, laqghé it-talbiet tal-attur billi [1] iddikjarat li d-decizjoni li permezz taghha gie terminat l-impieg tar-rikorrent kienet ultra vires peress li ttiehdet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u minghajr ma gew segwiti l-proceduri mandatorji skont il-ligi, u wkoll dik it-terminazzjoni effettivament tmur kontra l-ligi; [2] iddikjarat l-imsemmija decizjoni nulla u minghajr effett fil-ligi; [3] iddikjarat li l-intimati kkagunaw danni lir-rikorrenti minhabba l-agir abusiv taghhom; [4] illikwidat id-danni fl-ammont ta' €198,000 bhala "Damnum Emergens" u, fl-ammont ta' €10,000 bhala "Dannu Ezistenzjali" likwidat *arbitrio boni viri* "ghall-konsegwenzi psikologici u umiljazzjoni sofferti mir-rikorrent kagun tal-akkadut; [5] ordnat lill-intimati jhallsu l-imsemmija ammonti, flimkien mal-ispejjez tal-kawza u [6] fl-ahhar nett astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent sabiex jerga' jigi mqieghed fl-impieg li kellu qabel peress li "din it-talba giet superata mit-trapass taz-zmien" u wkoll in vista tad-danni akkordati lilu permezz tas-sentenza appellata.

"<u>Il-Fatti</u>

"2. Il-fatti kif johorgu mir-rikors promotur huma dawn.

1. ""Illi hu kien impjegat bhala "*full-time nurse*" mal-Gvern u kien jippresta s-servizzi tieghu fid-Divizjoni tas-Sahha fi hdan il-Ministeru ghall-Politika Socjali;

2. ""Illi fit-2 t'April, 2008, ir-rikorrenti kien gie mgharraf b'semplici ittra, li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat b'effett immedjat, (ara fol 4 et sequitur);

3. ""Illi jirrizulta di piu`, li fl-istess ittra ndikata fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrenti kien hemm gie ndikat bhala wiehed impjegat "*casual*" – haga li qatt ma kienet u li l-istess rikorrenti jirrifjutha, (ara wkoll fol 4 et sequitur);

4. ""Illi r-rikorrenti qatt ma nghata r-raguni mill-intimati ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu;

5. ""Illi konsegwenza tal-istess, huwa qatt ma nghata l-opportunita` li jiddefendi l-pozizzjoni tieghu;

6. ""Illi l-proceduri stipulati fil-ligi ghal terminazzjoni mill-impjieg qatt ma gew segwiti mill-intimati fil-konfront tar-rikorrenti;

7. ""Illi sussegwentement ir-rikorrenti skopra li l-intimati, jew min minnhom, anke rregistraw dikjarazzjoni inveritjiera mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig fil-formola tat-tmiem ta' l-impjieg tieghu meta gie minnhom dikjarat li kien *irrizenja* mill-impjieg, (ara fol 5 et sequitur);

8. ""Illi l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol anke laqghet appell intavolat mir-rikorrenti kif jidher mid-decizjoni taghha datata t-23 ta' Settembru, 2008, (ara fol 6 et sequitur);

9. ""Illi d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg mehuda fil-konfront tar-rikorrenti hi *ultra vires* ghaliex mehuda bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali u minghajr ma gew segwiti l-proceduri mandatorji skont il-ligi;

10. ""Illi di piu`, it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti tmur kontra l-ligi;"."

"<u>Is-Sentenza Appellata</u>

"3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

""Illi qabel ma jigu ezaminati l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna ghandu jigi rilevat preliminarjament is-segwenti:

1. ""Illi l-procedura odjerna hi ndirizzata mir-rikorrenti Gerada lid-diversi ntimati ndikati fl-okkju tal-kawza odjerna, effettivament zewg (2) membri tal-Ezekuttiv u zewg (2) membri gholja tal-amministrazzjoni pubblika;

2. ""Illi kif ritenut mill-istess intimati fir-risposta taghhom ghat-talbiet tar-rikorrenti ghandu jkun pacifiku li z-zewg (2) membri tal-Ezekuttiv hemm indikati huma estranei ghall-vertenza odjerna stante li ma jirrizulta li hemm l-ebda rabta jew ness fir-rigward mar-rikorrenti, u ghalhekk qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. ““Illi minn naha l-ohra t-Tabib Principali tal-Gvern u d-Direttur Generali (*Health Care Services*) ghandhom rabta jew ness dirett fir-rigward tar-rikorrenti u konsegwentement it-talbiet in dizamina huma legittimament diretti fil-konfront taghhom stante li hu huma li jmexxu s-servizzi tas-sahha li fihom zvolgew l-atti in dizamina, u stante li l-azzjoni mehuda fil-konfront tar-rikorrenti ttiehdet f’isimhom;

““Ikkunsidrat:

““Illi fl-affermazzjoni addirittura guramentata tat-Tabib Principali tal-Gvern inkluza fil-paragrafu numru 6 tar-risposta guramentata tieghu li:

> ““ … (i) ddikjarazzjoni lill-korporazzjoni ta’ l-Impjieg u Tahrig illi l-attur kien “*resigned*” u mhux “*terminated*”, saret hekk, sabiex ma jigix ippregudikati ic-“*chances*” ta’ l-attur ghal impjieg futur”

““Hi ferm preokkupanti u timmerita s-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. ““Illi d-dikjarazzjoni de quo hi maghmula minn impjegat pubbliku li jagixxi in *buona fede* u ghandu l-obbligu li dejjem u fi kwalunkwe cirkostanza jiddikjara l-verita` u xejn aktar;

2. ““Illi di piu`, din id-dikjarazzjoni giet minnu hekk inserita f’dokument pubbliku li jintuza anke bhala verifika minn min ikun irid sussegwentement jimpjega li persuna kkoncernata li jkollu d-dritt li jistenna li d-dikjarazzjoni hemm riportata tirrifletti l-verita` tal-akkadut u mhux verzjoni ffalsifikata mill-istess redattur taghha;

3. ““Illi ghalhekk l-ufficcjal pubbliku kkoncernat, it-Tabib Principali tal-Gvern, lanqas jidher li jisthi meta dan jiddikjara minghajr tlaqlieq li:

i. ““Dahhal informazzjoni li ma tirriflettix il-verita`;

ii. ““Konsegwenza tal-istess dan l-intimat qed jammetti li:

a. ““Nqaqas mill-obbligi tieghu tal-*buona fede* fl-agir tieghu ta’ ufficcjal pubbliku u naqas jghid il-verita`;

b. ““Ghalhekk qieghed iqarraq b’kull min sussegwentement ikun kostrett jezamina l-istess dokument minnu ufficcjalment rilaxxat biex ikun jista’ jifforma l-opinjoni tieghu rigwardanti l-applikant li jipprezentha ghal dan l-iskrutinju;

4. ““Illi tali falsifikazzjoni tar-realta` hi ta’ min jistmerrha bl-aktar mod iebes u qed jigi awspikat li min hu dovut ghandu d-dover li jiehu l-passi necessarji biex jippenalizza lil min hu responsabbli ghall-istess dokumentazzjoni falza u jassigura ruhu li dan ma jergax jigi ripetut min ufficcjali pubblici biex b’hekk tkun zgurata s-serjeta` u l-affidabilita` ta’ kull dokumentazzjoni pubblika tant essenzjali ghall-assikurazzjoni ta’ servizz verament pubbliku u verament serju;

5. ““Illi r-raguni mressqa mill-intimat li din id-dikjarazjzoni falza saret bil-ghan li ma jigix pregudikat xi mpjieg futur li r-rikorenti jista’ eventwalment japplika ghalih ma treggix stante li konsegwenza tal-istess, dak li sussegwentement jistrieh fuq din l-istess dikjarazzjoni falza

ufficcjalment sancita ikun qed jaghmel hekk a bazi ta' dikjarazzjoni t'awtorita` pubbblika li ghandha d-dover li tesponi r-realta` tal-akkadut u mhux timmanipulah b'qerq sancit mill-istess ufficcjalita` amministrattiva li qed tirrapprezenta biex b'hekk min sussegwentement jimpjega lil xi persuna munit b'tali dikjarazzjoni falza, jkun pregudikat billi qatt ma jkollu quddiemu l-istampa vera li tippermettilu jifforma opinjoni serja bbazata fuq ir-realta` vera;

6. ""Illi b'hekk l-interessi ta' min ikun qed jafda l-azjenda tieghu f'idejn tali mpjegat u l-istess interessi u kedibilita` tal-agenzija li qed tirrilaxxa tali dokumenti jigu mminati subdolament u ghalhekk, difficilment rimedjabbli;

""Ikkunsidrat:

""Illi skont ir-rikorrenti l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. ""Illi r-rikorrenti ilu jahdem bhala nfermier "*full-time*" ghal aktar minn tnejn u tletin (32) sena, originarjament mad-Dipartiment tas-Sahha minn fejn irrezenja fl-2003;

2. ""Illi wara ftehim bejn il-Gvern u l-Unions, ir-rikorrenti applika fl-2007 biex jigi "*reinstated*" bhala "*full time nurse*", fejn it-talba tieghu kienet giet milqugha u kien gie assenjat "*on secondment*" mad-Dipartiment tas-Sahha biex jahdem l-Isptar Zammit Clapp;

3. "'Illi nonostante li r-rikorrenti kien gie hekk ingaggat, jirrizulta li qatt ma nghata kopja tal-kuntratt ta' mpjieg;

4. ""Illi meta r-rikorrenti ghamel l-indagini tieghu fir-rigward kien sorprendentement infurmat li kien gie mpjegat biss bhala "*casual nurse*" minflok il-grad li originarjament applika ghalih u accettat;

5. ""Illi skont l-istess rikorrenti l-impjieg tieghu in dizamina kien ufficcjalment jirrizulta li kien ingaggat bhala "*full time nurse*" u ghal zmien indefinit – u mhux kif kien issa qed jigi nfurmat mill-assistent direttur minnu ndikat;

6. ""Illi in effetti, l-allegazzjoni tar-rikorrenti ndikata fil-paragrafu precedenti, hi debitament suffragata mid-dokument ufficcjalment rilaxxat mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig min issa l' quddiem riferita bhala E.T.C., datat it-13 t'April, 2008, (ara fol 5 et sequitur);

7. ""Illi permezz ta' telefonata kazwali r-rikorrenti kien gie nfurmat biex mill-ghada ma jidholx aktar ghax-xoghol peress li ma kienx "*up to standard*" u li kien ha jircievi ittra mid-Dipartiment tas-Sahha f'dan is-sens, (ara fol 59 et sequitur);

8. ""Illi jidher li fl-istess telefonata r-rikorrenti kien gie wkoll minaccat li jekk ikellem lil xi hadd mill-istaff kien ser jigi rrappurtat lill-Pulizija;

9. ““Illi dan l-agir issorprenda ghal kollox lir-rikorrenti li qatt ma kien irceva lmenti qabel mis-superjuri tieghu rigward ix-xoghol tieghu fl-imsemmi sptar;

10. ““Illi effettivament it-terminazzjoni skritta tal-impjieg tar-rikorrenti ntbaghtet lilu permezz ta’ *e-mail* mill-assistent direttur fuq gia` riferit u kienet b’effett immedjat;

11. ““Illi sussegwentement intbaghtet ukoll ittra f’dan is-sens lir-rikorrenti;

12. ““Illi jirrizulta li l-imsemmi assistent direttur kien ukoll baghat ghar-rikorrenti fuq din il-kwistjoni izda dan tal-ahhar isostni li:

i. ““Qatt ma nghata l-opportunita` jiddefendi lilu nnifsu;

ii. ““Ma nghata l-ebda raguni ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg;

13. ““Illi sussegwentement jirrizulta li r-rikorrenti kien infurmat mill-E.T.C. fuq riferita li l-formola li ntbaghtet lilhom mill-principal tieghu kienet tindika li hu kien irrizenja mill-impjieg;

14. ““Illi r-rikorrenti kien appella fir-rigward quddiem l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol stante li dak affermat mill-principal tieghu ma kienx jirrifletti l-verita` tal-akkadut, u effettivament l-appell de quo kien gie deciz favur l-istess rikorrenti;

15. ““Illi jidher li l-assistent direttur in dizamina ghamel ukoll xi rapporti allegatament foloz lill-Pulizija fil-konfront tar-rikorrenti li konsegwenza tal-istess ittiehdet ukoll procedura kriminali kontra r-rikorrenti li l-ezitu taghha pero` intemmet favur l-istess rikorrenti;

16. ““Illi r-rikorrenti jafferma li la nghata raguni ghat-tkeccija tieghu u lanqas inghata l-opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu fir-rigward;

17. ““Illi l-ezitu ta’ dawn il-passi serji mehuda kontra tieghu wassli lir-rikorrenti biex jidhol f’”*depression*”;

18. ““Illi wara li r-rikorrenti kien kiteb lid-Direttur tal-infermiera fil-21 ta’ Lulju, 2008, kien informa ghall-ewwel darba permezz tal-korrispondenza datata d-29 ta’ Settembru, 2008, li kien hemm xi rapporti fuqu u li kien ser jigi nvestigat minn *Nursing and Midwifery Council* u bl-aktar mod kontradittorju fl-istess ittra de quo kien ukoll infurmat li seta’ jerga’ japplika ghal infermier “*full time*” meta terga’ tinhareg sejha ohra ghall-impjieg;

19. ““Illi effettivament il-Kunsill fuq indikat waqqaf Bord appozitu biex jinvestiga l-lanjanzi allegati kontra r-rikorrenti izda wara xi sottomissjonijiet, il-kaz kien differit *sine die*;

20. ““Illi r-rikorrenti jsostni li bhala nfermier dejjem mexa b’mod professjonali, serju, onest u dejjem gab fuq quddiem sahhet il-pazjent;

21. ""Illi r-rikorrenti jsostni wkoll li l-allegazzjonijiet tal-assistent direttur fil-konfront tieghu huma foloz fis-sens li qatt ma mar ghandu b'xi ittra biex jibda jahdem bhala nfermier "*part-time*";

22. ""Illi meta sehhu l-fatti in dizamina (2008), ir-rikorrenti kellu tnejn u hamsin, (52) sena u peress li kien jista' jirtira meta jaghlaq it-tlieta u sittin, (63) sena, kien ghad kellu hdax (11) –il sena xoghol ohra possibbli quddiemu;

23. ""Illi peress li l-paga annwa tar-rikorrenti kienet ta' tmintax –il elf Ewro, (€18,000.00), fis-sena, l-ammont komplessiv ta' salarju mitluf mir-rikorrenti jammonta ghal mija u tmienja u disghin elf Ewro, (€198,000.00);

""Ikkunsidrat:

""Illi l-verzjoni rilevanti tal-intimati tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. ""Illi fuq "*e-mail*" li rceva mill-"*Manager Nursing*" tal-isptar Zammit Clapp fit-2 t'April, 2008, l-impjieg tar-rikorrenti kien gie terminat b'effett immedjat mill-assistent direttur tad-Dipartiment tas-Sahha;

2. ""Illi fix-xhieda guramentata tieghu quddiem l-assistent gudizzjarju nominat, l-imsemmi assistent direttur assuma wkoll ir-responsabbilita` li jindika l-kelma "*resigned*" minflok "*dismissed*" fid-dokumenti ufficcjali tieghu rikjesti mill-ligi f'dawn ic-cirkostanzi allegatament biex:

> "" … ma tidhrix bhala tebgha kerha f'kaz jekk is-Sur Gerada kellu jmur jahdem f'xi pos iehor", (ara fol 71 et sequitur);

3. ""Illi skont in-"*Nursing Manager*" involuta jirrizulta li kien hemm xi allegazzjonijiet ta' xi nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti fix-xoghol tieghu fl-isptar Zammit Clapp, liema allegazzjonijiet gew irrappurtati lis-superjuri taghha;

4. ""Illi di piu`, ssostni wkoll li baghtet ghar-rikorrenti fuq dawn l-allegazzjonijiet – fatt li hu robustament kontestat u konfutat mill-istess rikorrenti;

5. ""Illi d-Direttur Generali kkoncernat isostni li kien l-obbligu tal-Kap tad-Dipartiment li jittermina l-impjieg tar-rikorrenti ghaliex kien car li kien hemm riskju ghall-pazjenti, (ara fol 77 et sequitur);

6. ""Illi skont l-assistent direttur fuq riferit ir-rikorrenti ma kienx minnu meqjus bhala ufficcjal pubbliku u allura hass li ma kellux ghalfejn jibghat ghalih, (ara fol 129 et sequitur);

""Ikkunsidrat:

""Illi minn ezami tar-rizultanzi kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

1. ““Illi hu allegat li kien hemm xi lanjanzi ndirizzati fil-konfront tar-rikorrenti, liema lanjanzi ma jirrizultax li huma ta’ xi portata serja stante li jekk huma hekk meqjusa minn min hu dovut, l-impjieg tal-maggoranza tal-infermiera hu tassew pregudikat;

2. ““Illi di piu`, jirrizulta li l-procedura adottata mill-ufficcjali pubblici nvoluti lanqas tista’ tikkwalifika bhala wahda sommarja ghaliex tali kwalifika tkun tfisser li ghall-anqas, xi forma ta’ procedura analitika tal-fatti allegati u ta’ kontroll mill-kontroparti kien hemm;

3. ““Illi li jirrizulta lil din il-qorti hu biss li *forsi* seta’ kien hemm xi lmenti – jista’ wkoll effettivament jirrizulta li dawn setghu ukoll gew ivvintati bl-iskop li joskuraw lir-rikorrenti – stante li l-ebda possibilita` ta’ verifika jew ta’ difiza ma kienet stabbilita fir-rigward tal-istess u ghalhekk dawn qatt ma gew epurati;

4. ““Illi ghalhekk, il-lanjanza tar-rikorrenti li ma nghatax il-possibilita` li jiddefendi lilu nnifsu billi jikkonfronta civilment lill-allegati lanjanti fi skrutinju li anke l-istess amministrazzjoni civili tistipula u topera, hi assodata;

5. ““Illi dak li effettivament jirrizulta hu li xi superjuri tar-rikorrenti trasmettew xi lanjanzi generici lis-superjuri taghhom, li minghajr ma nvestigaw b’mod oggettiv u minghajr ma taw l-opportunita` lir-rikorrenti li jiddefendi lilu nnifsu, hadu l-azzjoni estrema li jkeccuh;

6. ““Illi di piu`, jirrizulta wkoll rivelat mill-analizi tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li effettivament l-assistent direttur de quo kellu xi animozita` mistura fil-konfront tar-rikorrenti ghaliex kieku la kien jesaspera s-sitwazzjoni billi ma jtihiex it-trasparenza procedurali li jisthoqilha billi jinizja l-proceduri li tali sitwazzjoni kienet tirrikjedi; la jkompli jkabbarha billi jintavola rapport lill-Pulizija li ma kompliex jippersegwixxi fil-qorti ghar-ragunijiet li jafhom hu biss; u finalment lanqas iqarraq bl-E.T.C. u b’persuni ohra li setghu eventwalment jimpjegaw lir-rikorrenti fuq indikazzjonijiet tieghu stess – haga kundannabbli minghajr ebda rizervi;

““Ikkunsidrat:

““Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti qed tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati u konsegwentement takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

““Illi rigward id-danni rikjamati mir-rikorrenti ssostni s-segwenti:

1. ““Illi wara li ezaminat id-dokumentazzjoni relattiva pprezentata mir-rikorrenti fir-rigward, (senjatament fol 63-66), tiddikjara li qed taqbel mal-komputazzjoni esposta mill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu fuq gia` riferita;

2. ““Illi ghalhekk qed tiddikjara li l-ammont globali ta’ salarju mitluf mir-rikorrenti bhala effett ta’ dan l-agir kundannabbli fuq riferit hu ta’ mija, tmienja u disghin elf Ewro, (€198,000.00);”.”

“L-Appell

"4. Dan hu bazat fuq zewg aggravji li jolqtu [1] id-decizjoni tal-ewwel Qorti li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent hija *ultra vires* u ttiehdet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u, [2] "il-kwalifikazzjoni" tad-danni.

"5. Abbazi ta' dawn l-aggravji, l-intimati qed jitolbu li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-intimati l-ohra gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, tirrevoka l-kumplament tas-sentenza u tipprovdi minflok billi tichad it-talbiet u l-kundanna ghal hlas u tiddikjara li l-intimati m'humiex responsabbli ghall-akkadut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

"6. Minn naha tieghu r-rikorrent qed jitlob li l-appell jigi michud ghar-ragunijiet spjegati minnu fir-risposta tieghu u li s-sentenza tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti.

"L-Aggravji

*"L-ewwel aggravju*

"7. Dan l-aggravju jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkonkludiet li decizjoni li biha gie terminat l-impieg tar-rikorrent hija ultra vires u mehuda bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali.

"8. L-intimati jispjegaw li d-decizjoni mehuda minnhom kienet bazata fuq id-diversi lanjanzi li kienu saru fil-konfront tar-rikorrent, rizultat ta' nuqqasijiet gravi da parti tieghu li kienu poggew f'riskju s-sahha tal-pazjenti. Huma jsemmu bhala ezempji, l-oghti doppju ta' medicina, u li l-pazjenti ma kienux inghataw trattament ghall-naso-gastric tube. Dawn in-nuqqasijiet huma "bi ksur tal-Kodici tal-Etika tan-Nurses u l-Midwives u ta' drug administration policy li tammonta ghal negligenza professjonali inaccettabbli".

"9. L-intimati jissenjalaw li mhux minnu li kien hemm ksur tal-principju tal-*audi alteram partem* peress li r-rikorrent kien informat bid-diversi lanjanzi u wkoll, qabel ma gie terminat l-impieg tieghu, huwa kien inghata l-opportunitá li jattendi ghal laqgha fissata proprju ghal dan l-iskop li fiha kellhom jigu diskussi mieghu n-nuqqasijiet tieghu, izda r-rikorrent kien irrifjuta li jattendi ghal dik il-laqgha minghajr ma kien ta raguni valida. L-intimati jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset milli taghti l-piz debitu lill-provi dokumentali u anke xhieda li kkorroboraw il-fatt li huma kienu kkomunikaw mieghu biex jiddiskutu l-ilmenti maghmula kontra tieghu, liema provi ma gewx negati mir-rikorrent.

"10. Kien fid-dawl tal-premess li l-intimati hadu d-decizjoni urgenti u necessarja, tenut kont ukoll tal-gravitá tas-sitwazzjoni, li jitterminaw l-impieg tar-rikorrenti.

"11. Jissottomettu li r-rapport li kien sar lill-pulizija kien jirrigwardja incident fejn ir-rikorrent kien insulta ufficjali tad-Dipartiment. Ir-rikorrent kien gie liberat stante li l-parti civili ma kenitx dehret biex tikkonferma r-rapport taghha. Ghalhekk dan ir-rapport ma kellux jinghata l-konsiderazzjoni li nghata mill-ewwel Qorti.

"12. B'referenza ghad-decizjoni li kien ha l-Bord tal-Awtoritá Nazzjonali dwar it-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent, l-intimati jissenjalaw li l-Bord kien ta ragun lir-rikorrent fis-sens li gie rettifikat li dan ma kienx fil-fatt irrizenja mix-xoghol izda li l-impieg tieghu kien gie terminat. Ir-rikorrent kien irrikorra ghall-Bord imsemmi biex ibiddel ir-raguni ufficjali ghat-terminazzjoni tal-impieg tieghu peress li meta mar japplika ghal xoghol iehor kien hemm oggezzjoni da parti tal-ETC minhabba li kien gie imnizzel li hu kien irrezenja mix-xoghol. Ghalhekk, skont l-intimati, id-decizjoni tal-Bord ma kellhiex tinghata l-piz li nghatat mill-ewwel Qorti.

"13. L-intimati jikkonkludu hekk dan l-aggravju:

> ""Mill-provi prodotti fl-atti tal-kawza …. Jidher car mix-xiehda li l-attur appellat kellu opportunitá li jattendi ghal laqgha pero' irrifjuta, u kien jaf ezatt fuq x' hiex gie imkecci mix-xoghol. Barra minn hekk ukoll kien inghata l-opportunitá sabiex jirrifoma ruhu billi jiehu l-kors [ta' infermier, maghruf teknikament bhala *"Back to Nursing"*] pero' huwa minn dan kollu ma jidher li ghamel xejn u kien hadha kontra l-amministrazzjoni u beda proceduri kontra l-istess"."

"14. Ir-rikorrent jirribatti ghal dan l-aggravju billi jghid li l-kontenut tar-rikors tal-appell huwa "mizghud b'kongetturi" u allegazzjonijiet minghajr sostenn fil-provi, kif ukoll l-konsiderazzjonijiet hemm indikati huma "altament infondati".

"15. Jissenjala li hu kien imkecci mill-impieg tieghu minghajr ma giet segwita l-ebda procedura. Barra minn hekk, kienu l-intimati li allegaw raguni gusta ghat-tkeccija tieghu li skont il-ligi kellhom l-oneru tal-prova ta' dak minnhom allegat. In fatti fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2009 l-ewwel Qorti kienet ordnat l-inverzjoni tal-provi sabiex l-intimati jressqu l-provi taghhom fir-rigward ta' dak allegat minnhom. Izda mhux talli l-intimati ma ressqux prova dwar ir-raguni gusta ghat-tkeccija tieghu, talli ghalkemm ma kienx obbligu tar-rikorrent li jressaq provi fir-rigward, huwa "ressaq pluralitá ta provi li juru kemm raguni ghat-tkeccija ma kienx hemm".

"16. Jghid li, mhux talli ma tressqux provi tal-allegazzjoni taghhom li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet bazata fuq raguni tajba, talli lanqas tawh l-opportunitá li jiddefendi ruhu.

"17. Ir-rikorrent jissenjala li, ghalkemm l-intimati jghidu li hu kien ingaggat mad-dipartiment tas-sahha bhala 'casual worker' il-provi juru mod iehor, jigiferi li hu kien jahdem bhala nurse "full time u indefinite". Dan jirrizulta sostnut mill-provi konsidrati wkoll fid-dawl tad-defenizzjoni

ta' haddiem 'casual' kif moghtija fl-Avviz Legali numru 110[1] tas-sena 1993. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li huwa kien hadem 40 siegha u anke izjed fil-gimgha u b'mod regolari ghal numru ta xhur sakemm twaqqaf u kellu introjtu ta' €1,500 fix-xahar. Fir-rigward jghid li, filwaqt li hu ressaq provi dokumentali konsistenti f'paysheets sabiex isostni t-tezi tieghu, tirrizulta lampantament mankanti l-prova li hu kien ingaggat bhala haddiem 'casual'. Jissenjala li n-natura tal-impieg ma kenitx determinata mill-mod tal-ingaggar, izda mid-defenizzjoni li tohrog mill-ligi. Ghalhekk, ladarba huwa kien hadem sieghat regolari u granet regolari fuq il-post tax-xoghol, ma setghax jitqies bhala haddiem 'casual'.

"18. Ir-rikorrent jikkontesta bil-qawwa li hu qatt irrizenja mix-xoghol u l-fatt li dwar ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impieg tieghu l-awtoritá koncernata *ex admissis* ghamlet dikjarazzjoni falza f'dokument pubbliku, minn barra li dan kien ta' pregudizzju ghalih ghax imminaw il-possibilitá tieghu li jsib xoghol tramite l-ETC jirrifletti nuqqas ta' serjeta u affidabbilitá minn naha tal-awtoritá koncernata. Kien *ex post facto* li huwa sar jaf bir-raguni ufficjali li kienet inghatat dwar it-terminazzjoni tal-impieg tieghu, u meta sar jaf ressaq il-kaz tieghu quddiem il-Bord tal-Awtoritá Nazzjonali tal-Impieg li tah ragun.

"19. Ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-affidavits ta' Anthony sive Tony Vella u Mary Murphty u jissenjala li b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2010 l-ewwel Qorti kienet ordnat l-isfilz ta' dawn l-affidavits ghax ma gewx presentati skont il-ligi. Apparti minn hekk il-fatti li wasslu ghat-tkeccija tar-rikorrent kienu bazati fuq *detto del detto* u l-persuni li ghamlu r-rapporti fil-konfront tieghu ma tressqux bhala xhieda. Minkejja dan l-awtoritá dehrilha li kellha tistrieh fuq dawk ir-rapporti minghajr ma tivverifikahom.

"20. Jissenjala li mill-provi migjuba, anke li kieku kien minnu dak allegat fuqu, xorta wahda l-komportament tieghu ma kienx jikkwalifika ghal "gross misconduct" meritevoli ta' tkeccija mill-impieg tieghu.

"21. Jilmenta li xi hadd mhux maghruf kien ghamel rapport kontra tieghu quddiem in-Nursing and Midwifery Board fuq akkuzi ta' *misconduct* professjonali u dan minkejja li d-Direttur Generali tas-Sahha qatt ma kien approva dak ir-rapport. Fir-rigward jirrizulta li dak il-Bord ma hax konjizzjoni ulterjuri tar-rapport u li dawk il-proceduri kienu gew differiti *sine die.* Fid-dawl ta' dan, jikkummenta li "kienet ghal kollox korretta l-ewwel Qorti li tirrimarka li dawn l-allegazzjonijiet kontra l-appellat setghu ukoll gew ivvintati bl-iskop li joskuraw lir-rikorrenti".

"22. F'dan l-istadju huwa opportun li jinghata l-profil tal-fatti li taw lok ghal kaz odjern.

[1] Kif sussegwentement emendat

"23. Fit-22 ta' Novembru 2007 ir-rikorrent mela' formola mal-ETC sabiex jirregistra li hu kien rega' beda jahdem mal-Gvern. Id-dettalji ta' dik il-formola[2] kienu gew mimlija u ffirmati mir-rikorrent u minn skrivana ghan-nom ta' minn beda jhaddmu, f'dan il-kaz, id-Direttur tan-Nursing fid-Dipartiment tas-Sahha. Fuq din il-formola huwa indikat li l-impieg tieghu kien wiehed "Full-time" u "Indefinite Contract".

"24. Jidher pero` li kien hemm xi malintiz, tant li r-rikorrent kien baghat ittra lil Carmel Borg, Assistant Direttur tar-Rizorsi Umani fl-istess dipartiment, sabiex tigi kjarifikata lilu l-posizzjoni tal-ingagg tieghu. B'e-mail mibghuta fil-15 ta' Jannar 2008, l-imsemmi Carmel Borg irrisponda lir-rikorrent fis-sens li skont l-awtorizzazzjoni moghtija mid-Directorate of Nursisng Services, huwa kien gie ingaggjaat bhala casual nurse. Fl-istess e-mail ir-rikorrent gie informat ukoll li "*in order to be noted and recorded as Staff Nurse and be considered as a public officer, such appointment can only ge given following a public call for applications for the post of staff nurses …… in view of the aboved…. Your official appointment in the grade of Staff Nurse will only be attained following the issue of a call for applications*".[3]

"25. Wara li ghadda xi zmien, ir-rikorrent kien gie mitlub minn Lorenza Cascun, Hospital Nursing Manager fl-isptar Zammit Clapp fejn kien jahdem ir-rikorrent, sabiex ma jirraportax aktar ghax-xoghol, minhabba li kienu gew rapportati lilha ilmenti fil-konfront tieghu, liema ilmenti pero' ma gewx konfermati bil-gurament minn min ghamilhom. B'ittra[4] datata 2 ta' April 2008 mibghuta mill-imsemmi Carmelo Borg, ir-rikorrenti gie informat hekk: "*I am directed to inform you that your employment as Casual Staff Nurse at the Rehab at Karen Grech Hospital is hereby being terminated and with immediate effect*".

"26. Sussegwentement ir-rikorrent kien ressaq appell quddiem l-Awtoritá Nazzjonali ghax-Xoghol li hija Awtoritá mwaqqfa bis-sahha tal-Att Dwar is-Servizzi ta' Impieg u Tahrig sabiex, fost il-manzjonijiet taghha, tisma' l-appelli dwar materji koperti bl-istess Att.[5] Ix-xhud Melvyn Cachia, Segretarju Esekuttiv tal-istess Awtorita jghid li r-rikorrent kien ipprezenta appell quddiem l-Bord Tal-Awtoritá Nazzjonali tal-Impiegi bazat fuq zewg ilmenti, li huma: "*illi [hu] qatt ma kien impjegat bhala casual nurse u qatt ma irrezenja*". Il-Bord, wara li sema' ix-xhieda inkluz l-Assistant Direttur Carmelo Borg fuq indikat, kien wasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent "*qatt ma kien [impjegat bhala ]casual nurse u t-tieni wiehed, qatt ma [kien] irrezenja mix-xoghol; nghid li l-awtoritá kienet sodisfatta bl-istqarrija tal-appellant Gerada u effettivament laqghet il-kaz tieghu*".[6]

"<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

---

[2] Fol.86 u 86 *tergo*
[3] Fol.18
[4] Fol.4
[5] Kap.343 – Art.4[1][b]
[6] Fol.121

"27. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi tenut kont tal-fatt li r-raguni tat-terminazzjoni tal-ingagg tar-rikorrent minn mal-Gvern kienet "tkeccija" bazata fuq rapporti ta' negligenza professjonali da parti tieghu, huwa dejjem kellu jinghata l-opportunitá adegwata li jezamina r-rapporti maghmula kontra tieghu u jinghata l-opportunitá li jiddefendi ruhu. Din il-konsiderazzjoni tipprexxindi mill-vertenza jekk l-impieg tieghu kienx wiehed full-time jew kazwali, ghax ladarba l-kondotta lavorattiva tieghu giet imtebba' b'ilmenti jew akkuzi maghmula kontra tieghu, huwa xorta kellu d-dritt li jiddefendi l-posizzjoni tieghu. *Aliter* li kieku r-raguni tat-terminazzjoni ma kenitx wahda li tirrifletti hazin fuq il-kondotta professjonali tieghu, bhal per ezempju 'redundancy' jew rizenja, ghax f'dak il-kaz, il-kondotta professjonali tieghu ma kientix tkun mittiefsa jew imtebba.

"28. Ghalhekk dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk ir-rikorrent kienx fil-fatt inghata dik l-opportunitá indikata fil-paragafu precedenti. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li din l-opportunitá ma kenitx inghatat, u din il-Qorti, fid-dawl tal-provi, tikkondividi din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Mill-provi jirrizulta li il-Hospital Nursing Manager fl-isptar fejn kien jahdem ir-rikorrent l-imsemmija Lorenza Cascun, tghid li hi kienet strahet fuq rapporti maghmua lilha ta' negligenza professjonali da parti tar-rikorrent. Tghid li dawn ir-rapporti kienu saru minn Anthony Vella, Mary Murphy, Tereza Falzon u Patrick Cimaroli li kienu jahdmu fis-sezzjoni fejn kien jahdem ir-rikorrent. Din ix-xhud tghid li hi ma vverifikatx il-kontenut tar-rapporti li kienu saru izda hu ma kienx mar ikellimha. Tghid li meta dahlilha r-rapport tal-1 ta' April "*cempiltlu u ma giex. Nghid li jiena attwalment darba kellimtu bit-telefon. Nghid li fl-istess telefonata, jien ghadtlu illi ridt inkellmu u ghidtlu wkoll [biex] ma jirrapportax ghax-xoghol. Attwalment huwa ma giex ikellimni. Nghid illi meta kellimtu, id-decizjoni tieghi cioe' li ma jirraportax ghax-xoghol kont diga' hadtha….. Jien l-unika haga li kienet tinterssani kienet li ma jigix ghandi u mhux jekk kienx ser jieqaf minn mal-gvern jew le*".[7] L-istess xhud tkompli tispjega li hi kienet baghtet ir-rapporti lid-Direttur tas-Servizzi Jesmond Sharples u lill-Assistant Direttur Carmelo Borg. Dan tal-ahhar fix-xhieda tieghu jghid li hu ma kienx kellem lir-rikorrent dwar ir-rapporti maghmula kontra tieghu u jghid li ma kellux ghalfejn jibaghat ghalih ghax hu kien qed jezegwixxi ordni li kien tah id-Direttur responsabbli ghar-rizorsi umani.[8] Sussegwentement ir-rapporti waslu ghand id-Direttur Generali ta' dak iz-zmien, Dr John Mary Cachia, li fix-xhieda tieghu jghid li "*bhala Direttur Generali kif kont f'dak il-perijodu jiena kelli noghqod fuq ir-rapporti li jkolli mis-subordinati tieghi, dak tal-management tal-Isptar Zammit Clapp u ta' Karen Grech u fuq id-Direttur responsabbli mis-servizzi tal-infiermiera, Jesmond Sharpels……. Id-decizjoni li jigi terminat l-impieg [tar-rikorrent] hadtha jien*". Dan ix-xhud ikompli jispjega li hu ma kienx ta lir-rikorrent l-opportunitá li dan iressaq il-kaz

[7] Fol. 84
[8] Fol.129

tieghu ghax dan kellu jsir mill-imsemmija Lorenza Cascun u Jesmond Sharples.

"29. Huwa rilevanti l-fatt li Anthony Vella u Mary Murphy li ghamlu r-rapporti ma tressqux bhala xhieda u l-affidavits taghhom kienu gew sfilzati mill-atti b'digriet[9] tal-ewwel Qorti tas-7 ta' Dicembru 2010 peress li ma kienux indikati fil-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati, meta l-htiega li dawn jigu indikati bhala xhieda kienet lampanti. Barra minn hekk, Jesmond Sharples, indikat fil-lista tax-xhieda tal-intimati "sabiex jixhed dwar l-agir tal-attur" baqa' ma giex prodott bhala xhud fil-kawza. Dan ifisser li l-kontenut tar-rapporti qatt ma gew ikkonfermati bil-gurament mill-awtur taghhom u ma gewx sottomessi ghall-iskrutinju gudizzjarju.

"30. In tema legali, jinghad li kif osservat il-Prim'Awla fil-kaz Alan Debattista v. Direttur Servizzi Kummerc[10], deciz:

> ""Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entitá amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.
>
> ""Il-principju *audi alteram partem* jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunitá li jghidu tieghu, fuq kollox jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq.
>
> ""Fis-sentenza Ingliza "Ridge v. Baldwin" (1964 – AC 40) 'the right to a fair hearing' gie iddikjarat bhala 'a rule of universal application'. F`dik is-sentenza, Lord Reid qal hekk –
>
> > "'before attempting to reach any decision they were bound to inform him of the grounds on which they proposed to act and give him a fair opportunity of being heard in his own defence'. U jkompli hekk -Accordingly, in my judgment, a local authority is under a duty, when dealing with entertainment licences, first, to inform the applicant of the substance of any objection or of any representation in the nature of any objection & and secondly, to give him an opportunity to make representations in reply'.
>
> ""Fil-kawza "Board of Education v. Rice" (1911 – AC 179), Lord Loreburn afferma li l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali 'is a duty lying upon everyone who decides anything'"."

"31. Fis-sentenza Borg v. l-Awtoritá dwar it-Trasport Pubbliku deciza fil-21 ta' Mejju 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali:

---

[9] Fol.40
[10] Nru771/2007

> ""Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddim ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalitá tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom"."

"32. Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Falzon v. Ministru Ghal Affarijiet Rurali u Ambjentali et, il-Prim'Awla osservat hekk:

> ""Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha pre-avviz tal-proceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza ta' l-istess, tant li fl-Evans De Smith's Judicial Review of Administrative Action (4th Edit. fol. 196) jinghad li:
>
> > "'Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet & In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter'. *("Dr J.Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti et" Prim Awla, 20 ta' Ottubru 2005 ; "A Gonzi v. Malta Drydocks Corporation", Prim Awla, 27 ta' Ottubru 2004)*"."

"33. Fil-kawza Alan Debattista v. Direttur Servizzi Kummerc[11] [fuq citata] din il-Qorti rribadiet:

> ""Wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem huwa dak li jkollu smiegh xieraq mill-awtorita` amministrattiva in kwistjoni, u dan isib ruhu f'forma ohra fil-prinicipju tal-gustizzja naturali hekk imsejjah audi alteram partem fis-sens li wiehed ma jistax jimmagina smiegh xieraq minghajr l-opportunita` li jsemma' lehnu f'dawk il-proceduri. Dan huwa kif gia` inghad wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali. "The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put at stake, is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all the bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual". ("L'Alliance de Professuers Catholiques de Montreal v. Labour Relations Board of Quebec – 1953" riportat fil-manwal "The Application of the European Convention of Human Rights" – J E S Fawcett pagna 148)"."

---

[11] Fuq citata u deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 2014

"34. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti kellha quddiemha elementi ta' prova sufficjenti sabiex ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li taccetta l-verzjoni tar-rikorrent li qabel ma dan tkecca mix-xoghol fuq akkuzi ta' imgieba professjonali skorretta da parti tieghu, huwa ma kienx inghata opportunitá adegwata sabiex jghid tieghu dwar dawk l-akkuzi. Dan jammonta ghal vjolazzjoni ta' dritt tieghu ghal smigh xieraq bhala wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali, li twassal sabiex tirrendi nulla d-decizjoni amministrattiva mehuda fil-konfront tieghu. Dan id-dritt beda jinkiser hekk kif Lorenza Cascun cemplet lir-rikorrent biex jmur jkellimha. Hi tghid li f'dik l-okkazzjoni li kellmitu d-decizjoni taghha li tghid lir-rikorrent sabiex ma jirrapportax ghax-xoghol kienet diga haditha, minkejja li lanqas kienet ghadha semghet x'kellu xi jghid ir-rikorrent dwar ir-rapporti.

"35. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*"It-Tieni Aggravju*

"36. Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti akkordat id-danni lir-rikorrenti. Fil-qosor dan l-aggravju gie mfisser hekk:

> "" ….il-fattispecie ta' dan il-kaz ma jistghux jigu mqeghda u trattati mill-istess ottika ta' kawzi fejn persuna sofriet xi dizabilitá fizika u ghalhekk bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, anke kieku ghal grazzja tal-argument l-Ewwel Qorti kellha taghti xi kumpens minhabba "unfair dismissal", dan qatt ma kellu jigi kwantifikat u kalkulat that il-kriterji tad-damnum emergens u tal-lucrum cessans kif fil-fatt ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti. L-aktar li setghtet taghmel dik l-istess Qorti kien li takkorda somma arbitrio boni viri b'konsiderazzjoni ghall-fatt li l-istess attur appellat kien diga' sab impjieg alternattiv sa xahar wara li gie terminat l-impjieg tieghu mal-esponenti.
>
> ""Illi jsegwi ghalhekk li anke min-natura ta' dan il-kaz l-Onorabbli qatt ma setghat tikkwalifika u tillikwida Damnum Emergens ghal dak li huma rifferuti d-danni ingenti sofferti mill-attur, li l-istess ma gabx provi. Mhux talli ma gabx provi talli mill-History of Employent jidher car li Mario Gerada kien beda jahdem xahar wara li ma baqax jahdem bhala nurse mac-Centru Hidma Socjali. Ghalhekk Mario Gerada ma jista' qatt jghid li kellu xi telf effettiv tal-paga jew li sofra konsegwenzi finanzjarji drastici; u inoltre, ta xhieda falza fl-affidavit tieghu"."

"37. Minn naha tieghu r-rikorrent jghid li l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti hija fic-cirkostanzi tal-kaz legalment sostenibbli. Fir-risposta tieghu huwa jispjega r-ragunijiet tieghu ghaliex ihoss li dan l-aggravju ghandu jigi michud.

"38. Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkomputa d-danni dovuti lir-rikorrent fl-ammonti indikati fis-sentenza appellata. L-intimati jsostnu li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment tasal sabiex takkorda bhala danni *lucrum cessans*, kemm ghax dawn it-tip ta' danni kontemplati fl-Artikolu 1045[1] tal-Kodici Civili huma ristretti ghall-kazijiet fejn il-persuna li titlob id-danni tkun sofriet

dizabilitá permanenti li minhabba fiha tkun ser titlef introjtu futur, kif ukoll ghax mill-provi jirrizulta li xahar wara li kien gie terminat l-impjieg tar-rikorrent, dan sab xoghol iehor band' ohra.

"39. Mill-provi ma jirrizultax minnu dak li qal ir-rikorrent fl-affidavit tieghu li wara li tkecca mix-xoghol huwa ghamel "sena u tlett xhur bla xoghol".[12] Dan jinsab kontraddett mill-*"Employment History"* tieghu konfermata mis-Senior Executive Jennifer Debono rapprezentanti l-Korporazzjoni, minn fejn jirrizulta li xahar wara li tkecca minn mal-Centru Hidma Socjali fejn kien jahdem bhala nurse mal-gvern, fit-12 ta' Mejju 2008 beda jahdem fuq bazi part-time bhala night receptionist ma' socjetá kummercjali, izda rrezenja fl-1 ta Gunju 2008; sussegwentement, fit-28 ta' Awissu 2008 beda jahdem bhala nurse f'sieghat ridotti fi klinika privata; fit-30 ta' Settembru 2008 gie terminat l-impjieg tieghu ma' dik il-klinika, izda fis-6 ta' Settembru 2008 kien diga beda jahdem part-time bhala nurse ma' klinika ohra fejn dam jahdem sal-5 ta' Ottubru 2008; fl-1 ta' Frar 2009 beda jahdem bhala nurse part-time; fl-1 ta' Frar 2010 beda jahdem mal-MDNA bhala nurse part-time u fl-1 ta' Marzu 2010 beda jahdem full-time mal-istess socjetá MDNA.[13]

"40. Ir-rikorrent jghid li meta hu kien jahdem part-time kien jaqla' €500 fix-xahar netti, filwaqt li meta beda jahdem full-time nurse fl-1 ta' Marzu 2010 kellu salarju mensili ta' circa €1,200 netti. Il-Qorti tosserva li r-rikorrent ma pprezentax dokumenti li jikkorroboraw l-introjtu mensili fil-perijodu bejn meta tkecca mix-xoghol u meta beda jahdem xahar wara.

"41. Din il-Qorti tosserva li ma taqbilx ma' zewg fatturi li ttiehdu f'konsiderazzjoni mir-rikorrent, u li gew accettati mill-ewwel Qorti, fil-komputazzjoni tad-danni u li wasslu sabiex id-danni globali jitilghu ghall-ammont komplessiv ta €198,000[14]. Dawn il-fatturi huma [1] ir-rata ta' introjtu mensili li fuqha giet komputata s-somma u, [2] il-perijodu li ittiehed biex gew kalkolati d-danni.

"42. Dwar l-ewwel fattur, il-Qorti tosserva li r-rata mensili li kellha tifforma l-bazi tal-komputazzjoni hi ta' €1,400 u mhux ta' €1,500, ghax ir-rata mensili kellha tinhadem fuq il-medja tal-introjtu nett li r-rikorrent kien qala' fix-xhur ta' Dicembru 2007 sa' Marzu 2008, inkluz. Dwar it-tieni fattur, il-Qorti tosserva li l-perijodu li fuqu ghandhom jigu kalkolati d-danni, mhuwiex dak li jiddekorri bejn id-data tat-tkeccija sad-data tal-etá pensjonabbli tar-rikorrenti, izda l-perijodu ghandu jkun bejn id-data tat-tkeccija u d-data ta' meta l-att amministrattiv gie dikjarat null defenittivament bil-gudizzju tal-lum u meta allura tnehha d-dell li nxtehet fuq il-professjonalitá tieghu u li seta' kien ta' xkiel lilu biex isib impjieg li jirrendi dhul ftit jew wisq ekwivalenti ghal dak precedenti.

[12] Fol.62
[13] Fols.93 - 95
[14] Din is-somma giet komputata fuq rata mensili ta' €1,500 ghal 11-il sena, mis-sena 2008 meta allura r-rikorrent kellu 52 sena sas-sena li fiha jaqghlu 63 sena. €1,500 x12x11 = €198,000

"43. Ferm il-premess il-Qorti tissenjala li l-introjtu li r-rikorrent ma dahhalx mill-impieg li kellu mal-gvern, fil-perijodu li jestendi mid-data tat-tkeccija tieghu, jigifieri mill-1 ta' Mejju 2008 sad-data tal-gudizzju odjern l-ahhar ta' April 2017 jammonta ghal- €151,200[15] u mhux ta' €198.000 kif indikat fis-sentenza appellata

"44. Mill-provi li ghandha quddiemha l-Qorti d-danni, konsistenti fit-"telf effettiv" u fit-telf "attwali" fit-termini tal-Artikolu 1045 [1] tal-Kodici Civili jikkonsistu fl-imsemmi ammont ta' €151,200 nieqes l-ammont ta' €114,200 li huwa introjtu li jirrizulta li huwa kien dahhal ghall-istess perijodu minn xoghol iehor li kien ghamel fil-frattemp. Dan l-ammont ta' €114,200 jirrapprezenta: l-introjtu kalkolat bir-rata mensili ta' €500 minn Mejju 2008 sa Frar 2010, it-tnejn inkluzi, li jammonta ghall-€11,000[16] u l-introjtu kalkolat bir-rata mensili ta €1,200 ghall-perijodu li jestendi mill-1 Marzu 2010 sal-ahhar ta' April 2017 jammonta ghas-somma ta' €103,200.[17] Ghalhekk it-telf effettiv u attwalment soffert mir-rikorrent u li jammontaw ghad-danni skont is-subinciz [5] tal-Artikolu 469A fuq citat, jammonta ghal €37,000.[18]

"45. Ghalhekk id-danni skont il-ligi li sofra r-rikorrent huma dawk stabbiliti skont il-premess u dawk huma d-danni pagabbli lilu.

"46. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

"Decide

"Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament billi tordna li l-ammont globali li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrent in linea ta' danni jigi ridott ghas-somma ta' sebgha u tletin elf euro [€37,000] u tordna lill-intimati *in solidum* ihallsu dan l-ammont lir-rikorrent.

"L-ispejjez relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjern jinqasmu bejn il-partijiet billi zewg terzi [2/3] ikunu a kariku tal-intimati u r-rimanenti terz [1/3] ikun a kariku tar-rikorrent."

Permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrent ritrattand qieghed jitlob it-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti, fit-28 ta' April, 2017, peress li jinghad minnu li dik is-sentenza hija affetta minn zball tal-ligi, ai termini tal-Artikolu

15 €1,400 x 108 xhur = €152,600
16 €500 x 22[xhur] = €11,000
17 €1,200 x12 [xhur] = €14,400 x 7 [snin] = €100,800 + [€1,200 x 2 xhur = €2,400] = €103,200
18 €151,200 - 114,200 = €37,000

811(e) tal-Kap. 12. Ir-ritrattand jikkontendi li l-applikazzjoni skorretta tal-ligi tikkonsisti fil-fatt li giet applikata l-ligi li tirregola l-ammont ta' danni f'kuntest ta' tort jew kwazi-tort, meta persuna tkun ikkawzat hsara fil-konfront ta' persuna ohra. Jghid li l-Qorti zbaljat meta llimitat id-danni ghall-perjodu bejn id-data ta' tkeccija u d-data meta l-att amministrattiv gie dikjarat null definittivament gudizzjarjament, minflok li applikat id-danni sad-data tal-eta` tal-pensjoni tar-rikorrent. Ir-ritrattand jikkontendi li kellu jippercepixxi d-danni fit-termini tal-Artikoli 1124 u 1135 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux a bazi ta' delitt jew kwazi-delitt. Bhala mpjegat li gie mkecci minn mal-Gvern, dan tal-ahhar kellu jirrispondi ghall-hsara li saret konsegwenza ta' ksur ta' provvedimenti kuntrattwali, skont l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Jishaq li tali danni ghandhom ikopru wkoll il-qligh li huwa gie mtellef meta tkecca ngustament. Kwindi jikkontesta l-komputazzjoni maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata, permezz tal-proceduri odjerni.

Ghalhekk ir-ritrattand jitlob lil din il-Qorti (i) tirrevoka u thassar is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi tat-28 ta' April, 2017; u (ii) konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez tat-tliet istanzi kontra l-intimati ritrattati.

Rat ir-risposta tal-intimati ritrattati, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu li din il-Qorti tichad it-talba ta' ritrattazzjoni, bl-ispejjez kontra r-ritrattand.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet, jitrattaw il-kawza li baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Jigi osservat mal-ewwel li, r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wiehed ta' natura straordinarja, bil-konsegwenza li l-provvedimenti li jirregolaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Din il-Qorti, kif kellha okkazjonijet ohra li taghmel, qeghda tirribadixxi dan il-principju, peress li altrimenti, l-parti sokkombenti tkun tista' terga tiftah il-kawza u b'hekk tkun qeghda tinholoq qorti tat-tielet istanza.

Is-subinciz (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, li fuqu r-ritrattand qieghed jibbaza t-talba ghas-smigh mill-gdid, jipprovdi illi tista' tigi milqugha talba bhal din "*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin*". Il-ligi fil-fatt timponi din il-limitazzjoni u tghaddi biex tiddefiniha bil-mod segwenti:

> *"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwestjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni."*

Kif irrilevat minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tal-4 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Ganni Attard v. Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation,** dwar dan l-istess provvediment tal-liġi:

> *"Talba ta' ritrattazzjoni a bażi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' liġi ħażin cioe`, użu ta' provvediment tal-liġi flok ieħor li kellu jiġi applikat, u ma hemmx każ ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi f'ċirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess liġi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija. Fi kliem ieħor, biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-liġi ħażina għall-każ u mhux li applikat il-liġi tajba, fil-fehma tiegħu, b'mod ħażin."*

Ir-ritrattazzjoni in eżami hija bbażata fuq il-premessa li, d-danni ma kellhomx jiġu kkalkulati a bażi ta' prinċipji ta' delitt u kważi-delitt, peress li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawża. Ir-ritrattand jagħmel referenza għall-Artikoli 1124, 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili bħala l-artikoli tal-liġi li kellhom jirregolaw il-materja quddiem il-Qorti. L-Artikolu 1124 jittratta klawżola penali f'obbligazzjoni diviżibbli, l-Artikolu 1125 jittratta l-effetti jekk obbligazzjoni kkuntrattata ma tiġix eżegwita u d-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur. Kwindi r-ritrattand qiegħed jinvoka d-danni kuntrattwali.

Din il-Qorti tosserva pero` li kif inghad mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-18 ta' April, 1963, fil-kawza fl-ismijiet **Arthur George Lambert et v. Anthony Buttigieg pro et noe et**. (Vol. XLVII.III.1110):

> *"ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazi-delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale."*

Inoltre, f'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi htija f'min ikun gabhom fis-sehh. Htija li trid bilfors tirrizulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diligenza, ghal liema jirreferu l-Artikoli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili, li *inter alia* jipprovdu li (i) kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha; (ii) meta persuna titqies li hija fi htija; u (iii) li kull persuna li b'nuqqas ta' diligenza jew ta' hsieb taghmel xi haga li biha tikser xi dmir impost mil-ligi, hija obbligata ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk. Fil-gurisprudenza huwa stabbilit li f'azzjoni delittwali ghandhom jikkonkorru tliet elementi li huma: (1) il-fatt dannuz illecitu, (2) l-imputabilita` tal-istess fatt ghal min ikun ghamlu, u (3) id-dannu kkagunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi ghandhom bilfors jikkonkorru f'delitt civili, jew fi kwazi-delitt li jobbligaw l-awtur taghhom ghar-rizarciment tad-dannu kkagunat.

Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Jannar, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Barbara et v. Salvino Bugeja noe** rrilevat illi l-atti tal-Ezekuttiv li jkunu saru b`eccess tal-poteri vestiti mil-ligi fl-Ezekuttiv huma llegali u jistghu jaghtu lok, fil-kazijiet kongruwi, ghall-hlas tad-danni derivanti mill-illecitu:

> *"Ghaldaqstant, sabiex jista` jinghad illi fatt huwa illecitu, irid jigi ppruvat illi gie vjolat dritt tad-danneggjat li huwa protett mil-ligi, u li konsegwentement id-danneggjant naqas mill-obbligu tieghu li jirrispetta dak id-dritt. Fil-fatt l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li huwa biss `kull min, ... ... jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi ..." li huwa responsabbli ghad-danni.* ***De Cupis : (Il Danno*** *(2 ed) Vol I pag. 67) jispjega illi "danno ingiust o: vale a dire, prodotto da atto umano antigiuridico, e antigiuridicita` significa contrarieta` a specifiche norme e principi di diritto, cui l`art. 2043 automaticamente rinvia nel mentre stabilisce la sanzione del danno arrecato in violazione di esse.`*
>
> *"…*
>
> *"Hekk fil-kawza John Lowell et v. Onor. Dottor Carmelo Caruana noe, deciza fl-14 ta` Awissu 1972, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili rriteniet li att amministrattiv kien ultra vires, u konsegwentement il-Gvern kien responsabbli ghad-danni: `L-atti ta` l-Esekuttiv maghmulin b`eccess tal-poteri fih vestiti mil-ligi huma illegali u jistghu jaghtu lok, fil-kazijiet kongruwi, ghall-hlas tad-danni derivanti mill-illecitu.` Ghalkemm f`dik il-kawza l-Qorti ma qalitx espressament illi r-responsabbilita` tad-danni kellha tigi determinata skond ir-regoli preskritti mill-Kodici Civili, dan huwa sottointiz fl-istess sentenza u mir-riferenza li ghamlet dik il-Qorti ghall-kuncett ta` l-illecitu. Fil-fatt, fid-decizjoni ghal-likwidazzjoni tad-danni f`dik il-kawza, id-danni gew likwidati skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt Civili Malti dwar l-illecitu (ara decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell John Lowell et v. Onor. Carmelo Caruana noe, deciza fid-29 ta` Mejju 1991)."*

Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha, meta tapplikahom ghall-kaz in ezami, f'dan il-kaz ukoll il-Qorti qieset li l-agir tal-intimati, permezz tad-decizjoni taghhom tat-terminazzjoni tal-impieg, kien wiehed *ultra vires* u li ma rrispettax il-principji ta' gustizzja

naturali. Kwindi, certament jinkwadra ruhu bhala fatt illecitu, li kien jaghti lok ghad-danni, liema danni gew kalkolati a bazi tal-Artikolu 1045(1), li jipprovdi ghal kif jitqiesu d-danni fil-kuntest ta' delitti u kwazi-delitti. Isegwi li l-Qorti applikat l-artikolu korrett tal-ligi ghall-fatti tal-kaz u b'hekk ma jirrizultax li hemm lok ghar-ritrattazzjoni.

Dan qieghed jinghad ukoll peress li, ghalkemm minn qari tar-rikors ta' ritrattazzjoni jirrizulta li r-ritrattand jiccita l-Artikoli 1124,1125 u 1135 tal-Kodici Civili bhala l-ligi applikabbli, huwa pjuttost car li huwa qieghed fil-verita` jattakka, l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lill-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili. Dan meta ddecidiet li d-danni kellhom jigu kkalkolati bejn id-data ta' tkeccija u d-data meta l-att amministrattiv gie dikjarat null definittivament gudizzjarjament, mentri skont ir-ritrattand il-Qorti kellha tapplika d-danni sad-data tal-eta` tal-pensjoni tar-rikorrent, cioe` a bazi ta' telf ta' qligh li persuna danneggjata tbati 'l quddiem - kuncett prettament regolat permezz tal-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili. Huwa car li r-ritrattand jaghmel dan sabiex jittanta jitlob revizjoni tal-likwidazzjoni tal-*quantum* tad-danni maghmul minn din il-Qorti.

Ladarba l-applikazzjoni tal-artikolu tal-ligi in kwistjoni kienet rizultat ta' interpretazzjoni u analizi li ghamlet din il-Qorti tal-ligi u tac-cirkustanzi tal-kaz, certament li dawn mhumiex sindakabbli fl-istadju ta' ritrattazzjoni. Kif ritenut drabi ohra, huwa konsentit smigh mill-gdid taht l-Artikolu 811(e)

f'dawk il-kazijiet biss fejn jirrizulta li l-Qorti tkun applikat il-ligi l-hazina ghall-fatti tal-kawza **u mhux** fejn jinghad li applikat ghalihom il-ligi t-tajba b'mod hazin. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Novembru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Rita Hicklin et v. Loreto Agius**).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tar-ritrattand Mario Gerada ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fit-28 ta' April, 2017, u tichad ukoll it-talba konsegwenzjali ghas-smigh mill-gdid tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha relattivi u marbuta ma' din il-procedura jithallsu mill-istess ritrattand.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm